7 ta' Marzu, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Joseph Lateo *versus* Adeodato *sive* Deodato Grech

**Bejgħ — Patt li l-Venditur Jisserva bl-Oġġett Mibjugħ — Limiti tal-Validità Tiegħu.**

*Meta l-bejgħ isir bil-patt li l-venditur jibqa' jisserva bil-ħaġa mibjugħa, dan il-patt fin-natura tiegħu huwa "modus" li jiġi aġġunt għall-kuntratt prinċipali tal-bejgħ.*

*Il-"modus" jiġi aġġunt għall-kuntratti gratuwiti u f'dawk fejn hemm xi liberalità da parti ta' wieħed mill-kontraenti, u għalhekk, jekk il-kuntratt huwa ta' bejgħ, meta l-oġġett jiġi mibjugħ bi prezz inferjuri għall-prezz ġust.*

*Għalhekk il-kumpratur li jaċċetta l-bejgħ b'dan il-patt għandu jirrispetta l-patt, salvo li jadopera l-mezzi li tagħtih il-liġi biex ma jibqax hekk obligat "ad infinitum"; imma l-fatt li huwa ma jistax ikun obligat li jippresta l-opera tiegħu għal żmien indeterminat ma jfissirx illi dak il-patt huwa null.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fejn ippremetta illi huwa

biegħ lill-konvenut il-pressa li taqta' karti tondi għall-lumini ta' sitta u tletin siegħa, fost pattijiet oħra b'dak li l-konvenut assuma l-obligu li jaqta' dawk il-karti għalih b'xejn fil-kwantità li jrid huwa (l-attur) u kull darba li jkollu bżonn; illi non ostanti illi huwa qallu biex jaqtagħlu l-imsemmija karti tondi, il-konvenut ma ottemperax għal dana l-obligu u bl-egħmil tiegħu kkaġunalu danni; u talab li l-konvenut jiġi kundannat li jaqtagħlu bil-pressa fuq imsemmija karti tondi għall-lumini ta' 36 siegħa f'dik il-kwantità li huwa (l-attur) igħidlu u fi żmien neċessarju skond l-użu, u dana billi huwa ġà kkonsenja u l-konvenut ġà rċieva, karti adatti għal dana l-qtugħ, f'terminu qasir u perentorju li jiġi fissat mill-Qorti; u huwa jiġi awtorizzat li jagħmel huwa a spejjeż tal-konvenut il-qtugħ ta' l-imsemmija karti tondi kemm il-darba l-konvenut fit-terminu li tipprefiġġilu l-Qorti ma jgħaddix għall-imsemmi qtugħ; u l-konvenut jiġi dikjarat responsabili għad-danni li l-attur sofra u jista' jsofri billi l-konvenut ma għamelx l-imsemmi qtugħ ta 'karti tondi fuq imsemmija kif kien obligat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Novembru 1947;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-15 ta' Lulju 1948, fejn laqgħet it-talbiet, u għall-fini ta' l-ewwel u tat-tieni talba tat lill-konvenut 15-il ġurnata żmien, u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur biegħ lill-konvenut pressa għall-qtugħ tal-karti għall-lumini.........; il-konvenut kellu jaqtagħhomlu b'xejn, u dak il-patt għall-attur kien importanti, għaliex diversament l-industrija tiegħu tal-lumini ma tistax tinħadem; u peress illi l-konvenut insista illi l-attur ibiegħhielu, l-attur ried jassikura li jkollu l-qtugħ tal-karti, u għalhekk l-attur impeta dak il-patt lill-uliedu in okkażjoni tal-bejgħ;

Illi l-konvenut ammetta dik il-promessa, però qal illi dan għamlu bħala pjaċir, u mhux bħala obligu; iżda fil-waqt ittrattativi u fl-okkażjoni tan-negozju huwa ma kienx qal li dana kien qiegħed jagħmlu bħala pjaċir...........; illi wara l-konvenut ittanta jeħles minn dik l-obligazzjoni, għaliex evidentement kien ikkonverta l-pressa f'mutur;

Illi l-appellant iħoss ruħu aggravat bis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti (1) għaliex aċċettat il-versjoni li ta l-appellant u mhux dik li ta huwa, u (2) subordinatament illi, anki jekk kien hemm dak il-patt, kondizzjoni simili hija nulla;

Fuq l-ewwel kwistjoni din il-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, illi l-bejgħ sar b'dak il-patt imsemmi fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u li dak il-patt kien ta' importanza tant kbira għax-xogħol ta' l-attur........... Veru huwa illi l-lum l-appellant, li kkonverta dik il-pressa f'mutur, qiegħed jara u jħoss illi dak il-patt huwa gravuż; imma meta kellu bżonn ta' dik il-pressa u nsista li l-appellat ibiegħhielu, huwa stess assuma illi l-attur jista' jibgħat, meta jrid, biex jaqta' dawk il-karti; għaliex evidentement allura, taħt dawk iċ-ċirkustanzi li huwa kien fihom, kien ra u ħass illi dak il-patt kien ta' entità żgħira ħafna, u għalhekk huwa mhux biss aċċettah, imma anki ipproponieh. Fi kwalunkwe każ kien dover ta' l-appellant li allura, meta saret il-kontrattazzjoni, jeżamina sewwa l-pożizzjoni tiegħu b'dak il-patt x'sejra tkun, u mhux jaċċettah u mbagħad joħroġ bil-versjoni li dak għamlu sempliċement bħala pjaċir versu l-attur. Kien allura, bħala wieħed li kien qiegħed jikkuntratta "in buona fede", li jmissu tkellem ċar u qal lill-attur li dan huwa sempliċement kumpliment li qiegħed jagħmillu, u bħala ħaġa prekarja li tista' tispiċċa fi kwalunkwe żmien; għaliex kieku tkellem hekk, l-attur kien jeżamina l-pożizzjoni tiegħu mingħajr dik il-pressa, u probabilment in-negozju kien jitħassar;

Għalhekk dan il-gravam ma għandux bażi ġuridika;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tieni kwistjoni, l-appellant issottometta illi, skond dispożizzjoni espressa tal-liġi, ħadd ma jista' jintrabat fl-opra tiegħu għal żmien indeterminat u għal dejjem, u għalhekk dak il-patt huwa null. Meta tiġi eżaminata tajjeb in-na-

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Rat n-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u t-talbiet ta' l-attur jiġu respinti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

tura ġuridika ta' l-operazzjoni jirriżulta illi n-negozju li sar kien ta' bejgħ tal-pressa, però l-venditur fuq dik il-pressa in okkażjoni ta' dak il-bejgħ żamm dritt li jisserva biha, u għalhekk dak il-patt fin-natura tiegħu huwa "modus" li qiegħed jiġi aġġunt għall-kuntratt prinċipali tal-bejgħ. Huwa veru illi l-"modus"' jiġi aġġunt għall-kuntratti gratuwiti u f'dawk li hemm xi liberalità da parti tal-venditur; imma rriżulta f'dan il-każ illi l-appellant kien xtara dik il-pressa fis-sena 1940 bi £28, u għalhekk mhux verosimili illi l-attur kien sejjer ibiegħ l-istess makna wara sitt snin bis-somma ta' £20; anzi, skond ix-xhieda ta' l-attur, l-appellant kien qallu li xtraha £20 u għalhekk l-attur qallu li jagħtihielu b'daqshekk għalkemm l-affarijiet f'dawn l-aħħar snin għolew fil-prezz. Għalhekk miżura ta' liberalità f'dak il-prezz kien hemm da parti tal-venditur, l-appellat; u kien hemm dik il-liberalità preċiżament in vista ta' dak il-patt. U huwa assodat fid-dottrina, kif igħid il-Giorgi, Delle Obbligazioni, Vol. 4 (Ediz. Firenze, 1877), paġ. 424, illi din il-modalità, barra mill-kuntratti gratuwiti, tista' tinsab ukoll "in quei contratti che ad onta del loro nome di corrispettivi, contengono misura di liberalità; verbigrazia, una vendita per prezzo inferiore al giusto";

Tikkunsidra;

Illi għalhekk dan il-piż li assuma l-kumpratur jikkonsisti: (1) illi l-attur, bħala venditur, jibqagħlu d-dritt li jagħmel użu minn dik il-pressa, meta jkollu bżonn, għall-qtugħ tal-karti għall-lumini; u (2) illi dan ix-xogħol jagħmlu għall-attur l-appellant. Fuq l-ewwel parti d-dispożizzjoni tal-liġi nvokata mill-appellant, 1717 tal-Kodiċi Ċivili, ma tidħolx; għaliex f'dan il-każ il-piż huwa kollu dritt tal-venditur illi f'dawk il-każijiet juża l-pressa, u għalhekk obligu tal-konvenut li jirrispetta dak id-dritt. Fuq it-tieni parti, fis-sens illi huwa għandu jagħmel dak x-xogħol, dak l-obligu ma jistax ikun indeterminat, imma l-appellant ikollu l-mezzi kollha li trid il-liġi, biex dan l-obligu jkun determinat għal dak li jirrigwarda ż-żmien, peress li huwa ma jistax ikun obligat jagħmel dak is-servizz "ad infinitum"; imma dan mhux vwoldiri illi dak il-patt mhux validu;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

Salva kwalunkwe azzjoni li jista' jkollu l-appellant "si et quatenus";

1. Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità mogħtija mill-appellant, bl-ispejjeż relativi kontra l-appellant;

2. U tirrespinġi l-appell tal-konvenut u għalhekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-15 ta' Lulju 1948, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant, barra d-dritt tar-reġistru ta' dina l-istanza u għal dan il-kap, li jitħallas nofs minn kull parti, u b'dan illi ż-żmien impost fl-ewwel sentenza jibda jgħaddi millum.